TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Fit-Tribunal Ghal talbiet tal-Konsumatur

Olivia Busuttil

vs

Vision Line Market Centre

CCT 85/16 MS

Illum, 5 ta' Settembru 2016

It-Tribunal

Ra l-avviz tar-rikorrenti ipprezentat fli-18 ta' April 2016 fejn talbet ir-rifuzjoni tal-ammont ta' mija u tletin Euro (€130.00) prezz ta' TV Android Box mixtrija mis-socjeta' intimata liema Android Box allegatament ma kentix tiffunzjona kif suppost.

Ra r-riposta tas-socjeta' intimata tal-4 ta' Mejju 2016 fejn ikkontestat it-talba tar-rikorrenti, fejn argumentat illi r-rikorrenti ma kellha l-ebda dritt tiehu Android Box gdida, izda semmai jigi msewwi dak li kien fil-pussess taghha.

Ra illi fis-seduta tat-13 ta' Gunju 2016 ir-rapprezentant tal-azjenda intimata ma deherx biex jaghti l-versjoni tieghu bil-gurament, nonostante li kien notifikat bid-data tas-smigh.

Ra il-verbal tat-13 ta' Gunju 2016 fejn ordna li kopja tieghu kellu jintbghat b'posta registrata lill-azienda intimata u dan ghall-ahjar amminstrazzjoni tal-gustizzja.

Ra r-riferta minn fejn irrizulta li l-azienda intimata rceviet tali kopja fil-15 ta' Gunju 2016 u minkejja dan ma ghamlet l-ebda ostakolu ghal-prolazzjoni tas-sentenza fid-data indikata.

Sema x-xhieda bil-gurament tar-rikorrenti fejn ikkonfermat it-talba taghha u pprezentat kopja tal-garanzija u dokumenti ohra.

Ikkunsidra

Illi minkejja li t-Tribunal ghandu kopja ta' ittra illi l-azjenda intimata baghtet tramite Frida Cauchi lill-Moira Camilleri tal-Ufficju tad-drittijiet tal-Konsumatur, it-Tribunal ma jistax jiehu konjizzjoni

ta' din l-ispjegazzjoni ghax mhijiex ikkonfermata bil-gurament u ghalhekk l-unika xhieda guramentata li ghandu t-Tribunal hija dik tar-rikorrenti.

Ghalhekk fin-nuqqas ta' dehra tar- rappreżentat tal-azjenda intimata u n-nuqqas ta' ostakolu ghal prolazzjoni tas-sentenza, it-Tribunal m'ghandux triq ohra hlief illi joqghod fuq ix-xhieda guramentata moghtija mir-rikorrenti u ghalhekk jilqa' t-talba taghha u jikkundanna lill-azjenda intimata li jirrifondi s-somma ta' mija u tletin Euro (130.00) prezz ta' Android Box difettuz, bi dritt li l-azjenda intimata tiehu lura l-Android Box mertu ta' din il-kawza.

Bl-ispejjes kontra l-azjenda intimata.

Michela Spiteri LL.D
Arbitru